# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 60**

**Ċitazzjoni numru 489/2005/1 SM**

**Godwin Scicluna Taylor f'ismu proprju kif ukoll bħala prokuratur taż-żewġ ħutu msiefra Suor Pauline Scicluna Taylor u Gladys mart Thomas Cavell John Thompson; u Maria Theresa mart Arthur Calleja u Romeo Galea**

**v.**

**Edwin Portelli**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza minn appell imressaq mill-konvenut kontra sentenza ta' nhar id-19 ta' Ottubru 2017 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dik is-sentenza ġie ddikjarat li l-konvenut kellu jiddepożita flejjes li jappartjenu lill-eredità ta' Giuseppina Galea f'kont bankarju li jgħajjat lill-

eredi tagħha. Dan wara li l-Ewwel Qorti impunjat rendikont tal-assi ta' Giuseppina Galea redatt mill-konvenut, b'dan li kellu jiġi sostitwit b'rendikont aġġornat li jinkludi assi tal-istess Galea li ma kinux ġew inklużi mill-konvenut u li l-Ewwel Qorti ddikjarat li kellhom jagħmlu parti mill-attiv tagħha.

**Daħla**

2. L-atturi, permezz ta' ċitazzjoni fid-19 ta' Mejju 2005, talbu lill-Ewwel Qorti:

> "1. Tordna l-impunjazzjoni tar-rendikonti moghtija mill- konvenut u esebiti bhala Dokumenti K u K1 u dan abbazi li fihom thallew barra dawk l-assi indikati fil-prospett esebit bhala Dokument L flimkien ma l-imghaxijiet relattivi;
>
> 2. Konsegwentement tapprova bhala rendikont korrett ir-rendikont presentat mill-konvenut bħala Dok K1 kif dan ir-rendikont jinsab korrett mill-prospett tal-atturi esebit bhala Dok L;
>
> 3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex minnufih jiddeposita f'kont bankarju li ghandu jinfetah ma wiehed mill-banek lokali f'isem "l-eredi ta' Giuseppina Galea" is-somom indikati fir-riassunt tal-prospett Dokument L u cioe somma ta' tlieta u ghoxrin elf hames mija u tletin liri maltin, (Lm23,530.00) u l-ekwivalenti fi flus maltin tas-somma ta' hamest elef tlieta u erbghin punt tmienja disa sterlini inglizi (£5,043.89) flimkien mal-imghaxijiet indikati fl-istess riassunt;
>
> Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar 2003 kontra konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."

3. Illi skont is-sommarju ta' fatti prodott mill-Ewwel Qorti:

> "18.1. Illi Giuseppina Galea, xebba, oht ir-rikorrenti Romeo Galea u zija tal-kontendenti kollha l-ohra, mietet fit-12 ta' Frar, 2001, (ara foll 7);
> 18.2. Illi fid-29 ta' Jannar, 1998, l-istess Giuseppina Galea kienet ghamlet prokura generali favur il-konvenut Edwin Portelli ghall-iskopijiet hemm indikati, (ara foll 25);

18.3. Illi skont l-espert kalligrafu nominat mill-qorti odjerna diversament preseduta, (ara paragrafu numru sebgha, (7.), aktar qabel), jirrizulta li l-firma tal-imsemmija Giuseppina Galea fqu l-istess prokura hi awtentika u originali, (ara foll 27 u 114 et sequitur);
18.4. Illi r-rikorrenti jikkontendu li r-rendikonti pprezentati mill-konvenut a foll 29 u 31 rispettivament ma jirriflettux is- sitwazzjoni reali u jsosstnu li minn ricerki minnhom kondotti irrizultalhom li effettivament kien hemm flus aktar fil-kontijiet tal-imsemmija Giuseppina Galea, (ara foll 34);
18.5. Illi konsegwentement qed jitolbu l-inpunjazzjoni ta' dawn ir-rendikonti pprezentati mill-konvenut;
18.6. Illi l-konvenut min-naha tieghu jirribatti t-talbiet tal-atturi kemm permezz t'eccezzjoni preliminari kif ukoll fil- mertu, u jsosstni:

18.6.1. Illi hu responsabbli biss ghall-uzu li hu ghamel mill-prokura;
18.6.2. Illi mhux responsabbli ghall-atti t'amministrazzjoni maghmula minn Giuseppina Galea nnifisha;
18.6.3. Illi l-ammont ta' Lm12,000.00 inghata lilu mill- imsemmija Giuseppina Galea b'donazzjoni, (ara foll 76);
18.6.4. Illi l-istess Giuseppina Galea tat diversi donazzjonijiet fosthom anke lir-rikorrenti;
18.6.5. Illi parti sostanzjali mill-pensjoni kienet tmur ghall-Welfare Committee ta' San Vincenz;
18.6.6. Illi l-istess Giuseppina Galea kienet tiddisponi mill-imghaxijiet li kellha hi stess;
18.6.7. Illi r-rendikont redatt mill-atturi mhux korrett, (ara foll 34);

18.7. Illi meta mietet l-imsemmija Giuseppina Galea halliet bhala werrieta taghha lit-tliet (3) hutha, (ara foll 13 u paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), bis-sostituzzjoni vulgari ta' uliedhom u d-dixxendenti taghhom."

4. Illi l-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi preliminarjament l-artikolu 392 tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi speċifikament illi min jimpunja rendikont ghandu jitlob korrezzjonijiet fl-entrati specifici li jkunu qeghdin jigu impunjati, u mhux is-sostituzzjoni intiera tar- rendikont imhejji mill-konvenut, kif mitlub;

2. Illi fil-mertu, l-atturi qeghdin jibbazaw il-kawza taghhom fuq il-premessa li huma dahlu fiz-zarbun tal-mejta Giuseppina Galea, b'mod illi ghandhom il-jedd illi jitolbu minghand il-konvenut rendikont ta' l-uzu li huwa ghamel mill-prokura mahruga lilu mill-mejta Giuseppina Galea; dan pero' jeskludi:

(i) l-atti ta' amministrazzjoni li wettqet hija stess personalment f'hajjitha;
(ii) l-atti ta' amministrazzjoni kollha maghmula mill-eccipjent matul il-qadi tad-diversi inkarigi tieghu illi huwa kien diga ta kont taghhom lill-Giuseppina Galea f'hajjitha; u

(iii) l-atti ta' amministrazzjoni li dwarhom l-istess Giuseppina Galea f'hajjitha kienet ezentat lill-eccipjent milli jaghti rendikont taghhom, esplicitament jew inplicitament;

3. Illi l-atturi qeghdin jassumu li l-konvenut huwa responsabbli ghal dak kollhu li seta' sar bl-assi ta' Giuseppa Galea, meta dan mhuwiex il-kaz, billi kienet hi stess tamministra parti kbira mill-assi taghha, fosthom is-segwenti: t-testatrici kienet tamministra l-parti kbira tal-assi taghha, fosthom:

(i) is-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (Lm12,000.00) li ddisponiet minnhom billi tathom b'titolu ta' donazzjoni lill-konvenut kif jirrizulta mill-anness Dokument A1;
(ii) diversi somom li f'hajjet id-*decujus* inghataw b'donazzjoni lill-werrieta, fosthom l-istess atturi, kif ser jirrizulta mis-smigh tal-provi;
(iii) il-pensjoni taghha, li kienet fil-maggor parti tmur biex tithallas ir-retta dovuta lill-Welfare Committee ta' Saint Vincent de Paule, mentri l-kumplament tagħha l-mejta kienet tesigi li jigi msarraf biex tiddisponi minnu personalment;
(iv) l-imghaxijiet relattivi tal-kontijiet bankarji taghha kollha, li kienet tesigi li jigu msarrfa biex tiddisponi minnhom personalment;

4. Illi fil-maggor parti tal-kazijiet, il-preljevi li kienu jsiru mill-eccipjent ghan-nom ta' zitu, id-decjus, kienu jsiru fuq talba tagha stess sabiex ikollha f'idejha flus ghall-bzonnijiet taghha personali; f'dawn il-kazijiet, l-eccipjent ma kienx jitlobha ricevuta tal-flejjes li jkun ghaddhielha, billi l-eccipjent kien izomm l-ircevuti necessarji sabiex jissodisfa lil zitu bl-amministrazzjoni tieghu, u qatt ma kellu l-hsieb li jrid jissodisfa lill-werrieta ta' zitu dwar l-infiq ta' zitu stess; hawnhekk ghalhekk, issir referenza ghall-artikolu 393(1) tal-Kap. 12 Ligijiet ta' Malta;

5. Illi diversi entrati msemmija mill-atturi, inkluz dawk kontenuti fid-Dokument P2 esibit mill-atturi u mmarkati fl-anness Dok.B1, jikkoncernaw assi li gew percepiti u msarrfa mid-decujus qabel l-ghoti tal-prokura li a bazi taghha qed issir il-kawza odjerna, u li dwarhom fi kwalunkwe kaz l-azzjoni ghar-rendikont hija preskritta bid-dekors tal-hames snin;

6. ILLI inoltre, it-tieni talba ma tistax tintlaqa' wkoll ghaliex id-dokument esibit mill-atturi bhala Dok.L" huwa bbazat fuq numru ta' premessi erronji u inkorrettezzi, kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza; hekk per ezempju parti sostanzjali mill- ammont pretiz mill-kontroparti jikkonsisti fil-pensjoni tad-decujus, meta l-maggor parti ta' tali pensjoni (Lm2651.656 minn Lm2967.69) kienet tmur biex tithallas ir-retta dovuta lill-Welfare Committee ta' Saint Vincent de Paule, kif jirrizulta mill-anness Dok.CI;

5. Illi ġiet inkarigata Dottor Anna Mallia bħala Assistent Ġudizzjarju

quddiem liema tressqu l-provi (*fol*.109). Aktar tard Dottor Anna Mallia ġiet maħtura bħala perit legali sabiex tkun tista' tkompli tiġbor il-provi hi stess (*fol*. 372). L-Ewwel Qorti strieħet fuq il-konklużjonijiet tal-perit legali (*fol.* 530 *et seq.)* li kienu s-segwenti:

> "Eccezzjonijiet
> Eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni – michuda
> Eccezzjoni ai termini tal-art.392 tal-Kap 12 – michuda
> Eccezzjoni ai termini tal-art 393(1) tal-Kap 12 – din hadet konjizzjoni taghha l-perit legali u intlaqghet limitatament.
> Dwar l-eccezzjoni dwar it-tieni talba – din hadet konjizzjoni taghha l-perit legali u intlaqghet limitatament.
> Talbiet
> Dwar l-ewwel talba: din ghandha tigi milqugha in parte izda mhux kollha abbazi li fihom thallew barra dawk l-assi indikati fil-prospett esebit bhala Dokument L flimkien mal-imghaxijiet relattivi.
> Dwar it-tieni talba: tilqa in parte t-tieni talba stante li Dok L mhux kollhu rendikont korrett
> Dwar it-tielet talba: tilqa din it-talba in parte kif elenkat fir-relazzjoni items (4) sa (15)."

6. Saru wkoll domandi in eskussjoni lill-perit legali mill-appellant (*fol.* 511).

7. Ġie maħtur espert tal-kaligrafija, s-Sur Joseph Gaffiero (*fol*. 72), sabiex jiddetermina li l-firma tal-mejta Giuseppina Galea fuq dokument, li permezz tiegħu Galea ddonat is-somma ta' tnax – il elf Lira Maltin (LM12,000) lill-konvenut (*fol.*76), kienet fil-fatt tagħha. Hu ppreżenta rapport datat it-28 ta' Mejju 2008. Il-konklużjonijiet tal-espert kaligrafu kienu li l-firem li jidhru fuq l-atti ma' liema għamel paragun u l-firma fuq l-iskrittura fejn Galea ddonat tali somma kienu magħmula mill-istess id u

ċjoè ta' Giuseppina Galea (*fol.*119).

8. Illi l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti deċide:

> "24.1. Takkolji l-ewwel (1) talba attrici limitatament stante li fir-rendikonti impunjati permezz tal-procedura odjerna – senjatament dawk immarkati Dok. K u Dok. K1 a foll 28 u 31 rispettivament – jirrizulta li thallew barra l-assi indikati fil-prospett immarkat Dok. L, (ara foll 34), u dan, flimkien mal-imghaxijiet relattivi;
> 24.2. Takkolji wkoll it-tieni (2) talba attrici limitatament stante li anke l-imsemmi Dok. L fuq indikat kif imhejji mill-atturi mhux kompletament korrett;
> 24.3. Takkolji wkoll it-tielet (3) talba attrici limitatament u dan, a bazi tal-konkluzjoni tar-relazzjoni peritali a paragrafu 4 sa paragrafu 15, (ara foll 576 ? sa 586 ?);
> 24.4. Tirrespingi wkoll l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut, (ara foll 62), dik preliminari rigwardanti l-artiklu 392 tal- Kap 12 de quo;
> 24.5. Tirrespingi l-hames (5) eccezzjoni tal-konvenut, (ara foll 63);
> 24.6. Takkolji r-raba (4) eccezzjoni tal-konvenut limitatament, u dan, ai termini tal-artiklu 393 (1) tal-Kap 12 de quo, (ara foll 63);
> 24.7. Takkolji s-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti t- tieni (2) talba attrici, u dan, limitatament kif indikat mill- perit tekniku de quo fir-relazzjoni taghha;
> 24.8. Bl-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet."

u wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet u billi straħet fuq il-konklużjonijiet tal-perit legali:

> "Ikkunsidrat:
>
> 19. Illi l-vertenza in dizamina tippernja fuq l-artiklu 392 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid li:
>
> > "Meta l-parti, li lilha jinghata l-kont, tkun trid tattakka dak il-kont, ghandha taghmel l-opposizzjoni taghha billi ssemmi l-partiti li tkun tapponi, bil-mezz ta' rikors guramentat kontra l-parti kuntrarja";
>
> Ikkunsidrat:
>
> 20.0. Illi f'dan ir-rigward l-espert tekniku nominata irrelatat sintetikament bil-mod segwenti:
>
> 20.1. Illi l-ewwel eccezzjoni ai termini tal-artiklu 392 tal-Kap 12 fuq indikat fil-paragrafu precedenti, ma tistax tigi milqugha stante li l-atturi

mhux qed jitolbu s- sostituzzjoni intiera tar-rendikonti imhejjija mill-konvenut izda qed jimpunjaw entrati specifici minnhom indikati;

20.2. Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta;

20.3. Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-atturi l-konvenut isosstni li ma tistghax tintlaqa` stante li r-rendikont esebit mill- atturi hu bbazat fuq premessi erronji u inkorrettezzi, (ara foll 586 ?);

20.4. Illi din l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha, (ara foll 586);

20.5. Illi t-tielet talba tal-atturi ghandha tigi akkolta, (ara foll 587);

Ikkunsidrat:

21. Illi f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Richard Falzon vs. Construct Furniture Limited datata s-7 ta' Dicembru, 2006, u tal-gurisprudenza hemm citata fejn gie ribadit li l- kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-qorti, kif ukoll il- kostatazzjonijiet u opinjonijiet minnu espresso fir-relazzjoni peritali tieghu jikkostitwixxu prova ta' fatt, li skont il-ligi, u li ghalhekk ghandhom bhala tali, jigu hekk meqjusa mill-qorti;

22. Illi ssir ukoll referenza ghal dak ritenut mill-Prim' Awla tal- Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Grima vs. Carmelo Pace et, datata l-14 t'April, 2016, li irriteniet is-segwenti:

> "Il-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mill-lat tekniku (Cauchi vs. Mercieca, Qorti tal-Appell deciz fis-6 ta' April, 1999; u Saliba vs. Farrugia, Qorti tal-Appell deciz fit-28 Jannar, 2000)"; 1

Ikkunsidrat:

23. Illi wara li din il-qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta r- relazzjoni tal-espert tekniku minnha nominata f'dawn l-atti, u wara li ezaminat ukoll id-domandi u risposti in eskussjoni, (ara foll 511 u 523 ? rispettivament), hi tal-fehma li m'ghandiex tiddisturba l-konkluzjonijiet li wasslet ghalihom l-istess espert tekniku de quo, u konsegwentement, **tiddikjara li qeghda taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-istess stante li ma jirrizultax li hemm ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-imsemmija perit tekniku hekk nominata, jew li tali konkluzjonijiet mhumiex gusti u korretti;**"

9. Il-konvenut ressaq appell nhar it-8 ta' Novembru 2017. Il-konvenut ressaq ukoll rikors permezz ta' liema talab illi l-Ewwel Qorti tikkjarifika partijiet mis-sentenza tagħha iżda l-Ewwel Qorti ċaħdet dan ir-rikors. L-atturi *qua* appellati ressqu risposta għall-appell nhar is-7 ta' Diċembru 2017.

10. L-appell tal-konvenut huwa msejjes fuq erba' aggravji: li s-sentenza appellata teħtieġ kjarifika in kwantu, filwaqt illi laqgħet limitatament it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-appellant sabiex jiddepożita f'kont bankarju f'isem l-eredi ta' Giuseppina Galea dawk l-ammonti li jirriżultaw dovuti skont ir-rapport peritali, naqset milli tikkwantifika tali ammonti, u naqset milli tindirizza l-kweżiti tal-appellant dwar tali rapport, b'mod illi l-appellant ma jistax jifhem b'mod ċar x'inhu li ġie ordnat jiddepożita. Il-konvenut jissottometti wkoll illi l-istess konklużjonijiet peritali, korrettement interpretati, kellhom iwasslu għaċ-ċaħda totali tat-talbiet attriċi (**l-Ewwel Aggravju);** Illi apparti kull kwistjoni ta' nuqqas ta' kjarezza, jekk jiġi ritenut illi r-rapport peritali u s-sentenza li addottathom qegħdin effettivament jikkundannaw lill-konvenut sabiex għall-finijiet tat-tielet talba jiddepożita f'kont miftuħ f'isem il-werrieta ċertu flejjes li diġa jgħajtu lill-eredi ta' Giuseppina Galea, allura f'dak il-każ l-appellant ikun qed jiġi ordnat jiddepożita dak li diġà jinsab iddepożitat tant li l-eredi ser jieħdu tali flejjes darbtejn, l-ewwel darba meta għaddew f'isimhom awtomatikament bħala konsegwenza tal-mewt ta' Giuseppina Galea, u t-

tieni darba mingħand il-konvenut b'ordni tal-Qorti (**it-Tieni Aggravju);** Li jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi interpretata bħala li qed tikkundanna lill-konvenut jerġa' jiddepożita l-flejjes li diġà jinsabu fil-kontijiet tal-werrieta apparti l-kwistjoni tal-ħlas doppju, is-sentenza appellata tkun *extra petita*, in kwantu t-talbiet attriċi jelenkaw u jiddeskrivu individwalment l-ammonti li qed jippretendu (**it-Tielet Aggravju)**; Li skont il-konklużjonijiet peritali, l-appellant għandu jrodd, jew jagħti rendikont tal-imgħaxijiet tal-kontijiet bankarji kollha li rriżultaw, iżda l-konvenut jissottometti (i) li ma għandux ikun hemm imgħaxijiet fuq il-flus li ġew donati lilu; u (ii) li ma saritx il-prova tar-rati tal-imgħaxjiet bankarji applikabbli (**Ir-Raba' Aggravju)**.

11. Il-konvenut *qua* appellant applika l-Artikolu 145 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif kien viġenti fi żmien li ġie ntavolat l-appell, u ppreżenta dikjarazzjoni mill-Bank of Valletta rigward assi miżmuma mill-istess bank u li jappartjenu lill-eredità ta' Giuseppina Galea (*fol.* 633 u 634*)*. F'dan id-dokument issir referenza għall-ħames kontijiet, inkluż kont li jitpoġġew l-interessi ġġenerati mill-*fixed deposit accounts.*

12. Qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-kunsiderazzjonijiet legali tagħha u tindirizza l-aggravji, din il-Qorti rat mill-atti li l-atturi huma eredi tal-mejta Giuseppina Galea jew kif inhi magħrufa wkoll Josephine Galea, li mietet nhar it-12 ta' Frar tas-sena 2001 (*fol.*7) u li ħalliet bħala eredi lil ħutha bis-

sostituzzjoni volgari ta' wliedhom u d-dixxendenti tagħhom (*fol.*10 *et. seq.*). Il-konvenut, fi żmien li saret il-kawża kien legatarju. Il-Qorti tinnota illi mhux il-werrieta kollha huma parti minn din il-kawża, eżempju omm il-konvenut u oħt il-mejta Giuseppina Galea mhux parti mill-kawża, madankollu fit-talbiet tagħhom l-atturi jitolbu li kwalunkwe flejjes li għandhom jiġu depożitati għandhom jiġu depożitati f'kont li jgħajjat "l-eredi ta' Giuseppina Galea" *(fol.*2).

13. Il-konvenut kien ingħata prokura ġenerali mingħand il-mejta Galea, li kienet zitu, nhar id-29 ta' Jannar 1998, meta kienet diġà bdiet tirrisjedi ġewwa San Vinċenz de Paule (*fol.*25 *et. seq.*). Wara l-mewt ta' Giuseppina Galea, l-atturi talbu rendikont mingħand il-konvenut. L-atturi jisħqu li huma ma qablux mar-rendikont mogħti lilhom mill-konvenut (Dok K u K1 a *fol.* 28 sa *fol.* 33) billi mill-kalkoli tagħhom il-porzjon attiv fl-eredità tal-mejta Giuseppina Galea kellu jkun akbar u dan anke meta wieħed jikkunsidra li fir-rendikont li ta l-konvenut ma hemmx inkluż referenza għall-kontijiet bankarji kollha li kellha Giuseppina Galea. L-atturi, skont prospett redatt minnhom (Dok L a *fol.*34) jitolbu li l-konvenut jiddepożita tlieta u għoxrin elf u ħames mija u tletin lira Maltin (LM23,530) u ċirka ħamest elef, tlieta u erbgħin lira Sterlina u disgħa u tmenin ċenteżmu (£5043.89) flimkien mal-imgħaxijiet indikati minnhom fil-prospett, oltre dak indikat mill-konvenut fir-rendikont tiegħu. Il-konvenut jgħid li fejn kien hemm kontijiet, bħall-*fixed deposit accounts,* li ġew magħluqa, hu ma tax

rendikont għaliex jgħid li ma kienx obbligat jagħmel dan u li meta għadda l-flus li żbanka lil Giuseppina Galea, ma tahiex irċevuta.

14. Fil-mori tal-kawża l-atturi qajmu dubju fuq il-prokura mogħtija minn Galea lill-konvenut u fuq donazzjoni ta' tnax-il elf Lira Maltin (LM12,000) li l-konvenut rċieva mingħand Galea (*fol.* 67). Il-prokura saret quddiem in-Nutar Carmel Gafa, wara li ċertu Tabib Peter Muscat, bħala Konsulent Psikjatra, eżamina l-istat mentali ta' Giuseppina Galea (*fol. 25 et* seq u *fol. 120 et seq).* Ma tressqet l-ebda prova oħra sabiex dan jiġi ddubitat. Inħatar ukoll espert tal-kalligrafija sabiex jistabbilixxi jekk il-firma fuq l-iskrittura ta' donazzjoni kinitx fil-fatt ta' Giuseppina Galea. Il-Perit Kalligrafu Joseph Gaffiero kkonkluda li l-firma fuq l-iskrittura ta' donazzjoni saret mill-istess id ta' firem fuq dokumenti oħra u b'hekk il-preżunzjoni hija li din saret minn Giuseppina Galea. Tressqu diversi dokumenti u xhieda rigward l-assi li kellha Giuseppina Galea. Il-konvenut ippreżenta wkoll dokumentazzjoni bl-għan li jservu bħala prova tal-karattru affidabbli tiegħu u donazzjonijiet li l-konvenut qal kien jagħti f'isem Giuseppina Galea. Dan għamlu sabiex iġib prova wkoll ta' fejn kienu jintefqu ċertu flus; fuq dan l-aħħar punt il-Perit Legali kkonkludiet illi ma kienx hemm biżżejjed provi biex jiġi konkluż li dawn il-flejjes kienu jingħataw b'donazzjoni minn Giuseppina Galea. Din il-Qorti rat ir-rapport tal-Perit Legali Anna Mallia li jinkludi wkoll elenku tal-provi mressqa.

15. Din il-Qorti fliet ir-rendikont (Dok K u Dok K1), ippreparat mill-konvenut, tal-kontijiet bankarji li kellha Giuseppina Galea (*fol. 31)*, it-talbiet tal-atturi u l-prospett mmarkat bħala Dok L (*fol.*34), ippreparat mill-atturi sabiex jikkoreġi r-rendikont magħmul mill-konvenut.

16. Din il-Qorti fliet il-kunsiderazzjonijiet tal-Perit Legali u l-konklużjonijiet tagħha u tosserva illi t-talbiet tal-atturi kienu speċifikament li jiġi impunjat ir-rendikont mogħti mill-konvenut u minflok jiġi approvat ir-rendikont wara li dan jiġi korrett bil-prospett ippreżentat minnhom. Konsegwentement ma jidhirx illi l-atturi ttentaw jimpunjaw ir-rendikont għal kollox iżda li jżidu miegħu.

17. Din il-Qorti tinnota illi l-Perit Legali fliet anke assi li ma kienx hemm kontestazzjoni fuqhom bejn il-partijiet u kkonkludiet hi, bejn punti 3 sa 16 f'paġni 31 sa 42 tar-rapport (*fol.* 560 – *fol.* 571*)*, liema assi għandhom jagħmlu parti mill-attiv tal-patrimonju u x'għandu jiġi depożitat mill-konvenut. Is-sommarju ta' dan kollu jinsab fl-Anness 1 fl-aħħar tas-sentenza liema Anness jifforma parti integrali tas-sentenza appellata.

18. Waqt l-eskussjoni tal-perit legali l-konvenut jgħid illi: "L-esponent qiegħed jaqbel mal-konklużjonijiet (4), (5), (6), (11), (12), (15) u (16); ma jaqbilx għar-raġunijiet fuq imsemmija mal-konklużjonijiet (3) u (7), u jaqbel mal-konklużjonijiet (8), (9), (10) u (14) b'dan illi jissottometti li ma għandu

jħallas xejn in konnessjoni magħhom kif fuq spjegat billi d-donazzjoni ta' Lm12,000 kellha tinqata' mill-attiv ta' Giuseppina Galea (*fol.* 515 tal-proċess).

19. **Illi skont ir-rapport peritali**, il-Perit Tekniku kkonkludiet li kontijiet 3 u 7-10, 12 u 13 għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mill-attiv. Jingħad li wħud minn dawn il-kontijiet kienu diġà inklużi mill-konvenut fir-rendikont tiegħu, f'oħrajn ġie ddikjarat li kellu jiġi ddepożitat ammont akbar u oħrajn ma ġewx imsemmija. Il-Perit Legali ma għamlet l-ebda referenza għall-aħħar żewġ kontijiet fit-tabella f'Anness 1. Kont numru 7 ma jifformax parti mill-prospett redatt mill-atturi.

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

***L-Ewwel Aggravju***

20. Illi permezz tal-Ewwel Aggravju, il-konvenut jilmenta li s-sentenza appellata teħtieġ kjarifika in kwantu, filwaqt illi laqgħet limitatament it-talba tal-atturi u kkundannat lill-appellant sabiex jiddepożita f'kont bankarju f'isem l-eredi ta' Giuseppina Galea dawk l-ammonti li jirriżultaw dovuti skont ir-rapport peritali, l-Ewwel Qorti naqset milli tikkwantifika tali ammonti, u naqset milli tindirizza l-kweżiti tal-appellant dwar tali rapport, b'mod illi l-appellant ma jistax jifhem b'mod ċar x'inhu li ġie ordnat

jiddepożita. Ġie sottomess ukoll illi l-istess konklużjonijiet peritali, korrettement interpretati, kellhom iwasslu għaċ-ċaħda totali tat-talbiet attriċi. Il-konvenut jagħmel referenza għar-rikors tiegħu wara l-għoti tas-sentenza mill-Ewwel Qorti fejn talab kjarifika għall-finijiet tal-artikoli 825 u 235 tal-Kap. 12, madankollu dan ir-rikors ġie miċħud permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2017 (*fol.*615).

21. Il-konvenut ikompli billi jisħaq illi meta wieħed jikkompara r-rendikonti mressqa u talbiet u eċċezzjonijiet, il-kwistjonijiet huma tnejn. L-ewwelnett li la l-Perit Legali qablet li l-karozza ma kellhiex tidħol fl-attiv ta' Giuseppina Galea, il-konvenut ma għandux ikun mistenni li jagħti rendikont ta' flejjes li ġew użati minnu sabiex jixtri l-karozza minn kontijiet *fixed-term* li ġew magħluqa u dan meta kien diġà ta rendikont lid-*decujus.* Il-konvenut jgħid ukoll illi mill-attiv għandha tonqos is-somma ta' tnax-il elf Lira Maltin (LM12,000) li ngħatat lilu b'donazzjoni.

22. It-tieni nett, l-appellant jgħid li l-atturi daħħlu fil-pretensjonijiet tagħhom ammonti li kienet intitolata għalihom Giuseppina Galea bħala pensjoni meta din il-pensjoni kienet titħallas direttament lill-*Welfare Committee* ta' San Vinċenz de Paule.

23. Il-konvenut jagħti wkoll riassunt tal-konklużjonijiet mogħtija mill-Perit Legali u fir-rigward ta' dawk l-ammonti li ma ssemmewx mill-atturi u

li skont il-Perit Legali huma inklużi mill-konvenut fir-rendikont mogħti minnu, senjatament kontijiet 8,9 u 10 tat-tabella fl-Anness 1 u r-rapport tal-perit legali, l-appellant jgħid illi dawn huma kontijiet li għadhom miftuħin il-bank u jgħajtu lill-werrieta ta' Giuseppina Galea (*fol.*633). Jgħid li fuq id-deheb ma saret l-ebda talba mill-atturi *qua* appellati.

24. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-atturi jisħqu illi:

> "Illi dwar l-aggravju li s-sentenza appellata tehtieg kjarifika ghaliex l-ewwel Qorti naqset, skont l-appellant, milli tikkwantifika l-ammonti li hu ghandu jiddepozita f'kont bankarju f'isem l-eredi ta' Giuseppina Galea, dan l-aggravju huwa nsostenibbli ghaliex il-konvenut qed jinjora l-fatt li l-bazi tal-azzjoni attrici hija dik ta' impunjazzjoni ta' rendikont u fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti atteniet ruhha mat-talbiet u, b'adoperazzjoni ta' uhud mill-konkluzjonijiet tal-perit legali Dr Anna Mallia, iddikjarat kif kellu jigi impunjat/korrett ir-rendikont tal-konvenut. Infatti l-ewwel Qorti ghamlet riferenza u adottat il- paragrafi 4 sa 15 tar-relazzjoni peritali fejn l-istess perit legali kienet ezaminat kull pretensjoni dedotta mill-atturi u rrakkomandat jekk tali pretensjoni kellhiex tigi michuda jew milqugha u fejn dehrilha li kellha tigi milqugha, semmiet il-quantum li kellu jizdied mar-rendikont prezentat mill-konvenut bid-dettalji sahansitra tal-imghax li kellu jiddekorri fuq kull ammont. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kif gja inghad, gew inkorporati fis-sentenza u b'hekk gie stabbilit x'inhu r- rendikont korrett.
>
> 4. Illi l-aggravju tal-konvenut li jippretendi li l-Ewwel Qorti messha ordnat li hu ghandu dritt jippreleva s-somma ta' Lm12,000 mir-rendikont kif korrett skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-perit legali, hija assolutament fiergha. Kif jidher mill-iskrittura ta' donazzjoni (Dok A1 a fol 67) din hija datata 24 ta' Novembru 1998 u l-perit legali kkonkludiet li tali somma m'ghandhiex tigi mizjuda mar-rendikont (paragrafu 15 tar-rapport peritali) u fil-fatt, skont is-sentenza appellata, ma zdieditx. Fix-xhieda tal-istess konvenut huwa jghid li d- decujus awtorizzatu jehodhom gradatament u seta dam hames (5) snin biex hadhom. Issa skont il-provi prodotti l-prokura tad-decujus lill-appellant hija datata 29 ta' Jannar 1998 u propju wara li giet rilaxjata din il-prokura, l-appellant (a) gibed Lm881 fis-16 ta'Novembru 1998 u Lm6000 fit-28 ta' Novembru 1998 mill-BOV Savings imsemmi fil-paragrafu 4 tar-relazzjoni peritali - ammonti li ma gewx negjusa bhala parti tal-attiv tar-rendikont: (b) ingibdu Lm1050 -24 ta' Marzu 1998 mill-BOV Fixed Deposit imsemmi fil- paragrafu 5 tar-relazzjoni peritali- ammont li ma giex megjus bhala parti tal-atti tar-rendikont: (c) ingibdu Lm3030 f1-10

ta' Lulju 1998 mill-BOV Fixed Deposit imsemmi fil-paragrafu 6 tar-relazzjoni peritali - ammont li ma giex megjus bhala parti tal-attiv tar-rendikont.

5. Ili jigi rilevat li ghalkemm il-bank ma setghax jaghti prova dwar il-persuna li gibdet dawn is-somom minhabba li r-records tal-bank kienu jmorru lura 5 snin, jibqa l-fatt li dawn is-somom, b'total ta' Lm10961, ngibdu kollha wara r-rilaxx tal-prokura generali favur l-appellant u fl-istess sena li saret l-iskrittura ta' donazzjoni ta' Lm12,000 favur l-istess appellant. L-istess appellant jghid li l-iskrittura ta' donazzjoni ma gietx iffirmata fid-data ndikata fuqha izda xi xhur wara. Jigi nutat li f-iskrittura ta' donazzjoni id-decujus tghid "Tajt minn jeddi is-somma ta' Lm12,000 (Tnax il-elf lira maltin) lin-neputi tieghi Edwin Portelli" Kwindi fid-data li giet iffirmata l-iskrittura, anke jekk kienet wara l-24 ta' Novembru 1998, is-somma ta' Lm12,000 kienet gja_nghatat lill appellant u mhux ghadha jew qeghda tinghata. Konsegwentement, una volta l-appellant ma pproduca ebda prova li d-decujus kienet izzomm f'darha eluf ta' flus f'kontanti, ghandu jigi presunt fuq bazi ta' probabbilita li s-somom migbuda mill-BOV fis-sena 1998 fl-ammont totali ta' Lm10961 (kif imsemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6 tar-relazzjoni) peritali kienu jiffurmaw parti mill-imsemmija somma ta' Lm12,000 u kien allura jispetta lill-appellant li jipprova l-kuntrarju. Jerga jigi emfasizzat li dawn is-somom migbuda mill-kontijiet bankarji tad-decujus ma gewx inkorporati fl-attiv tal-assi ereditarji tad-decujus fis-sentenza appellata u kwindi l-appellant m'ghandux ragun jitlob xi tpacija ta' dín is-somma. Ma hu minnu xejn ghalhekk dak allegat mill-appellant li l-perit legali kkonkludiet b'xi mod li l-imsemmija somma kellha tigi meqjusa bhala passiv tal-wirt tad-decujus. Kull ma kkonkludiet il-perit legali kien li s-somma ta' Lm12,000, gjaladarba giet dovuta lill-appellant, ma setghetx tigi meqjusa bhala parti mill-attiv tal-wirt tad-decujus."

25. Din il-Qorti tikkunsidra illi dan l-aggravju jittenta jolqot diversi kwistjonijiet. Primarjament jirrigwarda l-fatt li l-konvenut iħossu aggravat illi l-Ewwel Qorti ma kkwantifikatx l-ammonti li hu mistenni jiddepożita u li skontu, l-interpretazzjoni korretta tal-konklużjonijiet peritali kellha twassal għaċ-ċaħda totali tat-talbiet attriċi.

26. Din il-Qorti tqis li permezz tal-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Perit Legali u konsegwentement l-Ewwel Qorti, primarjament għamlet

eżerċizzju matematiku b'dan li l-Perit Legali indikat liema assi għandhom jagħmlu parti mill-attiv u liema ma jagħmlux parti mill-attiv billi ssenjalat liema *entries* tal-prospett għandhom jiġu aċċettati u minn meta għandu jibda jiddekorri l-imgħax legali (hekk kif inhu miġbur fil-qosor fil-Kolonna B tal-Anness 1). Madankollu naqset milli tindirizza ċertu kwistjonijiet imqajma.

27. Illi fir-rigward tal-kontijiet **immarkati 8, 9 u 10**, kemm fl-Anness 1 u fir-rapport tal-Perit Legali, jingħad illi la l-ammonti relatati diġà jinsabu depożitati, allura jsegwi li dawn m'għandhomx jerġgħu jiġu depożitati. Infatti, fir-rigward ta' dawn l-ammonti l-Perit Legali sempliċiment semmiet tali kontijiet u li l-istess għandhom jitqiesu bħala parti mill-attiv, kif fuq kollox kien għamel diġa l-konvenut. Prova ċara oħra ta' dan huwa l-fatt illi bil-kontra tal-ammonti l-oħra, il-Perit Legali anqas semmiet li għandhom jiddekorru xi imgħaxijiet fuq dawn l-ammonti u li kif spjegat hi stess, inkludiet l-istess ammonti fir-rapport tagħha sabiex tagħti stampa ċara tal-patrimonju ta' Giuseppina Galea. Isegwi allura li l-konvenut mhux mitlub jiddepożita mill-ġdid dak li diġà jinsab depożitat.

28. In kwantu għall-**kont 11**, għalkemm il-konvenut jilmenta fuq figuri relatati mal-pensjoni u li dawn kienu jintużaw sabiex iħallsu lill-Welfare Committee, dan l-ilment huwa frivolu stante li l-Perit Legali ma kkunsidratx dawn il-flejjes bħala parti mill-attiv. L-atturi anqas ma ressqu

appell fuq l-istess u konsegwentement dawn ma humiex ikkonsidrati bħala parti mill-attiv.

29. In kwantu għall-**kont numru 7** fl-Anness 1, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet il-Perit Legali, li qieset illi l-ammont fil-kont numru 7 ta' ħames mitt Lira Maltin (LM500) għandu jiġi meqjus bħala parti mill-attiv, dan l-ammont ma ntalabx mill-atturi. Infatti jidher li l-atturi aċċettaw li tali ammont kien intuża għall-funeral ta' Giuseppina Galea u ma inkludewhx fil-prospett redatt minnhom. Din il-Qorti għandha tifhem illi la dan l-ammont ma ntalabx mill-atturi mela ma għandux ikun dovut, anke jekk wara li fliet l-atti kemm-il darba, jidher li l-konvenut jiffoka l-aktar din il-parti tal-aggravju tiegħu fuq il-flejjes f'kontijiet 8, 9, u 10.

30. Madankollu jidher biċ-ċar ukoll illi għalkemm l-Ewwel Qorti bbażat id-deċide fuq ir-rapport tal-Perit Legali, dik il-Qorti għamlitu fil-parametri tat-talbiet u l-prospett L, hekk kif redatt mill-atturi. Konsegwentement, anke jekk il-Perit Legali saħqet illi kienet qed tieħu konjizzjoni tal-beni li ġew għall-għarfien tagħha, fl-aħħar mill-aħħar li jgħodd huwa x'ġie ammess fl-attiv minn dawk l-ammonti u kontijiet indikati mill-atturi fil-prospett tagħhom (Dok L a *fol*. 34). B'dan illi l-ammont ta' ħames mitt Lira Maltin ma għandux jiġi depożitat.

31. Illi tenut kont illi la l-atturi u lanqas il-konvenut ma ressqu appell fir-

rigward ta' kont numru **4, 5, 6 u 11**, filwaqt li kont 7,8, 9 u 10 huma ndirizzati hawn fuq, **dak li jonqos li jiġi indirizzat huwa kont numru 3, 12 u 13.**

32. Jingħad illi fir-rigward ta' kont numru 3, skont il-konklużjonijiet tal-Perit Legali l-konvenut għandu jiddepożita £857.28, oltre l-ammont diġà indikat minnu fir-rendikont tiegħu, u dan flimkien mal-imgħaxijiet li akkumulaw sal-lum minn l-għada tat-12 ta' Frar 2001 u ċjoè d-data li fiha mietet Giuseppina Galea. Dan talbuh l-atturi, anzi l-atturi talbu ammont akbar. Jidher li għal xi raġuni l-Ewwel Qorti qieset minn paragrafu 4 sa paragrafu 14 fid-deċide tagħha meta mill-kunsiderazzjonijiet tagħha jidher biċ-ċar li hi kienet qed tadotta l-konklużjonijiet tar-rapport peritali mingħajr riżervi u konsegwentement kellha tqis minn paragrafu 3 sa paragrafu 14. Illi l-atturi ma ressqu l-ebda rikors jew appell rigward dan. Madankollu u tenut kont in-natura tal-aggravju odjern, jiġi mtenni illi l-konvenut għandu jiddepożita l-ammonti indikati mill-Perit Legali fir-rigward ta' kont numru 3.

33. Illi dak li għandu jiġi ndirizzat issa huma l-ammonti indikati f'kontijiet 12 u 13. Illi dawn iż-żewġ kontijiet jirrigwardaw l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sitta u għoxrin Lira Maltin (LM 3726) b'imgħaxijiet sa minn Awwissu 1998 (kont 12) u l-ammont ta' ħamest elef, disa' mija u erbgħa u għoxrin Lira Maltin u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (LM5924.55) flimkien

mal-imgħaxijiet relattivi sa mill-1 ta' Jannar 1999. Illi fil-kumplament tal-aggravju, l-konvenut jilmenta wkoll illi meta wieħed jagħmel il-kalkoli joħroġ biċ-ċar li hu ma għandu jagħti xejn stante li mill-attiv għandha tonqos is-somma ta' tnax-il elf Lira Maltin (LM12,000) li ngħatat lilu sabiex jixtri l-vettura tiegħu.

34. Illi din il-Qorti tqis illi huwa aċċettat li l-konvenut irċieva donazzjoni ta' tnax-il elf Lira Maltin, skont l-iskrittura datata l-24 ta' Novembru 1998 (*fol.*76), sabiex jixtri vettura, li kienet irreġistrata fit-22 ta' Novembru tas-sena 2000 (*fol*. 456). Illi għalkemm l-atturi ttentaw jattakkaw l-iskrittura ta' donazzjoni, fl-aħħar mill-aħħar il-perit tekniku tal-kitba wasal għall-fehma illi l-firma kienet ta' Giuseppina Galea u li skont il-provi mressqa, anke jekk il-konvenut ma setax jiftakar mil-liema kontijiet huwa ġibed tali flejjes:

> *"Mistoqsi jekk l-ammont ta tnax il-elf giex moghti lilek f'daqqa, nghid li le u inghatali f'partijiet. Jiena m'ghandix records ta' kif kienu l-ammonti sa fejn niftakar."*[1]
>
> "*Rigward is-somma ta' LM12,000 ma ghandix dettalji minn liema investimenti hadthom anzi nghid li jien ma hadt xejn u kienet iz-zija li awtorizzanti nigbed sa LM12,000 f'perjodi varji u jien hekk ghamilt. Ma sibt l-ebda karti relatati li jista jkun li baqghu fid-dar taz-zija*
> *….*
> *Jekk hadthomx il-flus li jammontaw ghal LM 12,000 matul l-ahhar hames snin qabel mietet iz-zija jista jkun pero ma nistghax nahlef dan.*[2]

huwa ġibed tali flejjes fuq istruzzjonijiet tal-istess Galea minn kontijiet tagħha.

[1] Seduta tal-5 ta' Novembru 2007 (*fol.*128 u 129)
[2] Kontro-eżami tal-intimat Edwin Portelli ta' nhar l-24 ta' Novembru 2011 (*fol.*377).

35. Illi la ma hemmx dubju li d-donazzjoni kienet waħda valida, għandu jsegwi illi m'għandux ikun hemm dubju li l-konvenut ġibed ċertu flejjes, kif infatti xehed. Fuq kollox ma tressqet l-ebda prova kuntrarja għal dan u ma hemm l-ebda kontestazzjoni tal-konklużjonijiet imressqa mill-Perit Legali. Konsegwentement din il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ma għandux jiddepożita dawk il-flejjes relatati ma' kontijiet 12 u 13 u anqas imgħaxijiet legali relattivi għalihom u dan tenut kont li la huwa rċieva donazzjoni fl-ammont ta' tnax-il elf Lira Maltin (LM12,000) isegwi li fl-aħħar mill-aħħar huwa ma għandux jagħmel tajjeb għall-ammont li huwa żbanka abbażi tal-iskrittura ta' donazzjoni.

B'dan illi jiġi ċċarat illi l-ammont diġà depożitat f'kont 13, hekk kif indikat a *fol.*633., u li jgħajjat lill-eredità ta' Giuseppina Galea, għandu jibqa' jgħajjat lill-eredità ta' Giuseppina Galea.

36. Konsegwentement din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju skont dak hawn ikkunsidrat.

***It-Tieni Aggravju***

37. Illi fir-rigward tat-Tieni Aggravju, l-appellant jilmenta illi jħossu aggravat illi apparti kull kwistjoni ta' nuqqas ta' kjarezza, jekk jiġi ritenut illi r-rapport peritali u s-sentenza li adottatu qegħdin effettivament

jikkundannaw lill-konvenut sabiex għall-finijiet tat-tielet talba jiddepożita f'kont miftuħ f'isem il-werrieta l-flejjes imsemmija fil-paragrafi 8, 9 u 10, allura f'dak il-każ l-aggravju tal-appellant huwa li b'ordni bħal din huwa jkun qed jiġi ordnat jiddepożita f'isem il-werrieta dak li diġà jinsab iddepożitat f'isem il-werrieta, b'mod illi, jekk is-sentenza titfisser b'dan il-mod, il-werrieta jiġu jieħdu tali flejjes darbtejn, l-ewwel darba meta għaddew f'isimhom awtomatikament bħala konsegwenza tal-mewt tad-decujus, u darb'oħra mill-ġdid mingħand il-konvenut b'ordni tal- Qorti.

38. Jgħid illi l-atturi ma avvanzaw l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-kontijiet bankarji 8, 9 u 10 fil-konklużjonijiet peritali u li b'hekk ma ressaq l-ebda prova fir-rigward tal-istess, u li kien għalhekk li ressaq id-dokument anness mal-appell. Jgħid li jekk l-interpretazzjoni korretta tar-rapport peritali hi skont kif jaħsibha hu, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-tielet talba tal-atturi għaliex l-implikazzjoni, skont il-konvenut, hi l-Ewwel Qorti qed tordnalu jħallas il-flejjes imsemmija f'paragrafu 8,9 u 10 flimkien mal-imgħaxijiet mitluba. Iżid li minn dak iż-żmien sal-lum, l-interessi li ddekorrew fuq l-ammonti jinsabu f'kontijiet separati (*fol.* 633).

39. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-atturi appellati jisħqu illi:

> "6. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju (para II qabel il-paragrafu 10), anke dan l-aggravju huwa nfondat ghaliex il-logika tas-sentenza appellata huwa li ma jkunx hemm xi depozitu doppju ta' dak gja depositat f'isem l-eredi tad-decujus izda biss id-depositu tas-somom u l-imghaxijiet mhux gja depositati.

> 7. Illi mar-rikors ta' l-appell l-appellant esebixxa rendikont tad-depositi li jesistu f'isem l-eredi tad-decujus. L-esponenti jaqblu li dawn il-bilanci huma skont is-sentenza appellata hlief ghal bilanc muri fl-ewwel kont bankarju enumerat 13402333029 li, skont il-paragrafu 13 tar-relazzjoni peritali (adottat fis-sentenza appellata) ghandu jkun fih is-somma ta' Lm5924.55, cioe €13800.49 flimkien ma l-imghax relattiv mill-1 ta' Jannar 1999 sallum, u mhux is-somma hemm indikata ta' €5908.81. Inoltre, apparti d-depositi mal-BOV, l-appellant injora ghalkollox id-depositu fiss li kellha d-decujus mal-HSBC (para 12 tar-relazzjoni peritali) fejn l-appellant gie kundannat jiddepozita bhala parti mill-attiv tad-decujus is-somma ta' Lm3726 (€8679.25) flimkien ma l-imghax relattiv minn Awwissu 1998."

40. Illi kif diġà ġie kkunsidrat, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet limitatment skont dak mitlub b'referenza għall-prospett redatt mill-atturi u konsegwentement kif diġà ġie ċċarat taħt il-kappa tal-Ewwel Aggravju, il-konvenut mhux qed ikun mitlub jiddepożita tali ammonti darbtejn u din il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-parti tal-aggravju.

41. Illi fir-rigward li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' t-tielet talba, din il-Qorti ser tiċħad din il-parti tal-aggravju u dan fid-dawl tal-konklużjonijiet relatati ma' kont numru 3, fejn il-konvenut huwa mistenni jiddepożita flejjes relatati mal-istess.

***It-Tielet Aggravju***

42. Illi fir-rigward tat-Tielet Aggravju l-attur jgħid illi jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti titfisser bħala li qed tikkundanna lill-konvenut jerġa' jiddepożita l-flejjes li diġà jinsabu fil-kontijiet tal-werrieta (dawk elenkati fil-para. 8 sa 10 tal-konklużjonijiet peritali), apparti l-kwistjoni tal-ħlas doppju, is-sentenza appellata tkun qed tmur ukoll *extra petita*, in kwantu t-talbiet

attriċi jelenkaw u jiddeskrivu individwalment l-ammonti li qed jippretendu, u l-kontijiet bankarji msemmija fil-paragrafi 8 sa 10 tal-konklużjonijiet peritali ma ġewx inklużi fit-talbiet attriċi; l-istess japplika għad-deheb imsemmi fil-konklużjoni para. 14.

43. Essenzjalment il-konvenut jgħid illi t-talbiet tal-atturi kienu speċifiċi u ma talbux li l-konvenut jiddepożita kwalunkwe somma dovuta u anqas ma semmew il-kaxxa tad-deheb, anke jekk il-konvenut jgħid li ilu snin jitlob lill-atturi sabiex jieħdu l-istess deheb. Jgħid li l-perit legali ħasset li kellha tagħti stampa sħiħa tal-wirt flok ma ffukat fuq it-talbiet tal-atturi. Jgħid li huwa lest jobbliga ruħu li jiddepożita d-deheb madankollu jekk din il-Qorti ser tordna li jiddepożita wkoll flejjes li diġà huma fil-pussess tal-atturi l-oħra dan mhux ġust.

44. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-atturi appellati jisħqu illi:

> "8. Illi fir-rigward tat-tielet aggravju (markat III qabel il-paragrafu 13 tar-rikors ta' l-appell), l-esponenti ì ma jistghux jifhmu l-argument tal-appellant ghaliex id-depoziti imsemmija fil-paragrafi 8,9 u 10 jinsabu gja dikjarati fir-rendikont tal-istess appellant (Dok K esebit mar-rikors guramentat) u l-esponenti ma kellhomx il-htiega li fejn jaqblu ma dawk id-depoziti, jergghu jsemmuhom. L-esponenti semmew biss dawk il-partiti li l-appellant halla barra bir-rendikont tieghu. L-istess argument japplika ghal kaxxa tad-deheb indikata mill-appellant fir-rendikont tieghu Dok K."

45. A skans ta' kull repetizzjoni u stante li permezz tal-kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-Ewwel Aggravju ġie ċċarat li l-konvenut mhux obbligat jerġa' jiddepożita l-ammont f'kontijiet 8, 9 u 10, il-konvenut

mhux mitlub li jiddepożita l-istess doppjament.

46. Huwa ċar ukoll mill-konklużjonijiet tal-Perit Legali illi dak li saħqet dwaru fir-rigward tal-kaxxa tad-deheb kien li:

> "Li a fini ta' rendikont hija l-lista tal-oggetti misjuba fis-safety deposit box tal-Bank Centrali meta infethet il-kaxxa fil-prezenza ta' whud mill-atturi u l-avukat taghhom, tal- konvenut u l-avukat tieghu u tal-perit legali li ghandha tigi kunsidrata bhala parti mill-attiv tar-rendikont. (*fol.* 570)"

U li skont it-tweġibiet tal-perit legali d-deheb ma jaqax fil-qafas tat-talbiet tal-atturi.

47. Madankollu li jfisser dan huwa, mhux li din il-kaxxa ma għandhiex tgħaddi għand l-eredi ta' Giuseppina Galea, iżda li l-konvenut kien diġà indika l-kaxxa fir-rendikont preparat minnu.

48. Konsegwentement u tenut kont il-konsiderazzjonijiet fl-Ewwel Aggravju din il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-Tielet Aggravju.

***Ir-Raba' Aggravju***

49. Il-konvenut, permezz tar-Raba' Aggravju, jilmenta illi skont il-konklużjonijiet peritali, l-appellant għandu jrodd, jew jagħti rendikont tal-imgħaxijiet tal-kontijiet bankarji kollha li rriżultaw, iżda l-konvenut

jissottometti (i) li ma għandux ikun hemm imgħaxijiet fuq il-flus li ġew donati lilu; u (ii) li ma saritx il-prova tar-rati tal-imgħaxjiet bankarji applikabbli.

50. Jgħid illi ladarba rċieva donazzjoni ta' tnax-il elf Lira Maltin sabiex hu jkun jista' jakkwista vettura, il-perit legali kellha tpaċi ammont minn kontijiet li ġew magħluqa u li jammontaw għall-kważi tnax il-elf Lira Maltin (LM12,000), partikolarment l-ammont ta' LM500, LM3726 u LM5924.55 (indikati taħt kontijiet 7, 12 u 13 rispettivament), ma' dak mogħti lilu tant li hu ma jkollu jiddepożita xejn. Jgħid li kieku l-Perit Legali paċiet dawn l-ammonti kien jirriżulta bilanċ favurih. Hekk il-konvenut issa ser jiġi mġiegħel iħallas imgħaxijiet legali ta' għoxrin sena sħaħ. Jargumenta illi ladarba ġie aċċettat illi Giuseppina Galea tatu donazzjoni matul ħajjitha dan il-kapitlu ngħalaq u b'hekk huwa ma kienx obbligat jagħti rendikont tal-istess flejjes u li l-mument li l-flejjes inġibdu waqfu jagħtu lok għall-interessi.

51. Jargumenta li hu mhux *stockbrocker* jew *financial advisor* u li ma kellux ikun mistenni jinvesti l-flejjes li kien hemm fil-kontijiet sabiex dawn jiġġeneraw xi interessi speċjali. Jgħid illi hu ma għandu l-ebda relazzjoni kummerċjali mal-atturi iżda relazzjoni familjari u ċivili u jekk xejn l-interessi għandhom jiddekorru biss minn dakinhar li ġie interpellat biċ-ċitazzjoni tal-kawża odjerna.

52. Illi fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-atturi appellati jisħqu illi:

> "9. Illi dwar ir-raba' aggravju (markat IV qabel il-paragrafu 17), l-esponenti jirrilevaw li s-sentenza appellata ma tirreferi ghall-ebda imghax fuq is-somma donata li giet esklusa mill-attiv tad-decujus. Inkwantu ghall-imghaxijiet fuq somom li ma jinsabux gja depositati f'kontijiet bankarji f'isem l-eredi ta' Giuseppina Galea, cioe s-somma ta' Lm5924 (€13800.49) nieqes is-somma depozitata ta' €5908.81 (skont id-Dok BOV/4/5/17 esebit mar-rikors ta' l-appell); kif ukoll is-somma ta' Lm3726 (€8679.25) li sparixxiet mill-kont bankarju tal-HSBC, l-imghax relattiv ghal dawn l-ammonti ghandu jkun dak ta' 8% stipulat fil-ligi ghall-perjodi ndikati fis-sentenza appellata gjaladarba s-sentenza appellata kkundannat lill-appellant jiddeposita tali ammonti li sallum irriteniet li baqghu fil-pussess tal-appellant u qatt depositati f'xi kont bankarju f'isem l-eredi tad-decujus. Li kieku s-sentenza appellata riedet tapplika l-imghax bir-rata bankarja, kienet tghidu. Una volta ma specifikatx tali rata bankarja, allura japplika l-imghax legali bhal ma solitament japplika ghal kull persuna li tkun debitrici lejn kwalsiasi persuna ohra. L-appellant ghazel li jibqa jzomm f'idejh is-somom fuq imsemmija u gustament, is-sentenza appellat kkundannatu jhallas l-imghax relattiv li skont il-ligi huwa dak ta' tmienja fil-mija (8%)."

53. Il-konvenut isostni li l-flejjes li l-Perit Tekniku ordnat li għandhom jagħmlu parti mill-attiv ta' Giuseppina Galea u li preċedentement ma ssemmewx minnu fir-rendikont tiegħu, għandhom ikunu paċuti mad-donazzjoni ta' tnax-il elf Lira Maltin (LM12,000) li kien irċieva mingħand Galea u ma għandux jintalab iħallas interessi fuq dan l-ammont. Ma tressqet l-ebda prova fuq ir-rati ta' imgħax li għandu jħallas u li jekk xejn kwalunkwe imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data taċ-ċitazzjoni tal-kawża odjerna.

54. Illi tenut kont il-kunsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti taħt il-kappa tal-Ewwel Aggravju, b'liema l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-

ammonti relatati ma' kont 12 u l-ammonti żbankati minn kont 13 ma għandhomx jiġu ddepożitati fid-dawl tad-donazzjoni mogħtija lill-konvenut minn Giuseppina Galea, u li kont 7 ma għandux jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-prospett imressaq mill-atturi, din il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju limitatament skont dak diġà kkunsidrat taħt l-Ewwel Aggravju.

**Deċide**

55. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi:

i. Tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet premessi safejn laqgħet l-ewwel (1) talba attriċi **limitatament** stante li fir-rendikonti impunjati permezz tal-proċedura odjerna – senjatament dawk immarkati Dok. K u Dok. K1 jirriżulta li tħallew barra l-assi indikati fil-prospett immarkat Dok. L u dan, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi;
ii. Tikkonfermaha safejn laqgħet ukoll it-tieni (2) talba attriċi **limitatament** stante li anke l-imsemmi Dok. L fuq indikat kif imħejji mill-atturi mhux kompletament korrett;
iii. Tħassarha safejn laqgħet it-tielet (3) talba attriċi limitatament u dan, a bażi tal-konklużjoni tar-relazzjoni peritali a paragrafu 4 sa paragrafu 15 u minflok tilqa' t-tielet talba limitatament biss fil-konfront ta' paragrafu 3 tal-konklużjoni tar-relazzjoni

peritali;

iv. Tikkonfermaha wkoll safejn ċaħdet l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenut u ċjoè dik preliminari rigwardanti l-Artiklu 392 tal-Kap 12 de quo;

v. Tikkonfermaha safejn ċaħdet il-ħames (5) eċċezzjoni tal-konvenut;

vi. Tikkonfermaha safejn laqgħet ir-raba' (4) eċċezzjoni tal-konvenut limitatament, u dan, għall-finijiet tal-Artiklu 393 (1) tal-Kap 12 *de quo*;

vii. Tikkonfermaha safejn laqgħet is-sitt (6) eċċezzjoni tal-konvenut rigwardanti t-tieni (2) talba attriċi, u dan, limitatament kif indikat mill-perit legali fir-relazzjoni peritali;

viii. Spejjeż tal-Ewwel Qorti jibqgħu kif deċiż mill-Ewwel Qorti;

ix. Spejjeż ta' dan l-appell għandhom jinqasmu ndaqs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

Anness 1

| **Tabella** | **Kolonna A** | **Kolonna B** | **Kolonna Ċ** | **Kolonna D** |
|---|---|---|---|---|
| **Numru skont rapport tal-Perit Legali** | **Kont** | **Konklużjonijiet tal-Perit Legali** | **Prospett tal-atturi** | **Rendikont mogħti mill-konvenut** |
| 3 | NSB Glasgow | F'punt 3 ta' paġna 31 tar-rapport peritali (*fol.*560) il-Perit Legali kkonkludiet illi oltre dak imniżżel bħala rendikont tal-kont tal-NSB Glasgow, u ċjoè £9688.91, għandom jiżdiedu £857.28 flimkien mal-imgħaxijiet li akkumulaw sal-lum minn l-għada tat-12 ta' Frar 2001 u ċjoè d-data li fiha mietet Giuseppina Galea.<br><br>Dan ġie kkonfermat mill-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant (*fol.* 521). | Sal-aħħar ta' Diċembru tas-sena 2000, kellu jkun hemm iddepożitat is-somma ta' £Stg14,031. | £Stg9688.91 |
| 4 | BOV Savings Acc. No. 134 023 3303 2 | F'punt 4 ta' paġna 32 tar-rapport peritali (*fol.* 560) il-Perit Legali kkunsidrat illi l-figura indikata mill-atturi nkluż l-imgħax imsemmi ma għandux jagħmel parti mill-attiv. | LM6881.76 u imgħax relattiv sa mit-28 ta' Novembru tas-sena 1998 għandhom jiġi kkunsidrati bħala parti mill-attiv stante li dan l-ammont ġie żbankat u ma ngħatat l-ebda spjega. | LM15.70 (Wara li LM 241.50 intużaw għall-spejjeż tal-funeral) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 5 | BOV Fixed Deposit Acc. No. 134-0233306-1 | F'punt 5 ta' paġna 33 tar-rapport peritali (*fol.* 562) il-Perit Legali qieset illi ma tressqet l-ebda prova rigward min seta' rtira dan l-ammont u konsegwentement dan l-ammont ma ġiex ikkunsidrat. | Dan il-kont ma jissemmiex mill-konvenut. LM1000 u imgħax relattiv sa mill-24 ta' Marzu tas-sena 1998 għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-attiv stante li dan l-ammont ġie żbankat u kont magħluq mingħajr spjega. | / |
| 6 | BOV Fixed Deposit Acc. No. 134-0233304-5 | F'punt 6 ta' paġna 33 tar-rapport peritali (*fol.* 562) il-Perit Legali qieset illi ma tressqet l-ebda prova rigward min seta' rtira dan l-ammont u konsegwentement dan l-ammont ma ġiex ikkunsidrat. | Dan il-kont ma jissemmiex mill-konvenut. LM3030 u imgħax relattiv sa mill-20 ta' Lulju tas-sena 1998 għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-attiv stante li dan l-ammont ġie żbankat u kont magħluq mingħajr spjega. | / |
| 7 | BOV Savings Acc. No. 134 023 3301 6 | F'punt 7 ta' paġna 34 tar-rapport peritali (*fol.563)* il-Perit Legali tgħid li dan l-ammont ta' LM500 għandu jitqies bħala parti mill-attiv, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi mid-data tal-mewt ta' Giuseppina Galea.<br><br>Dan ġie kkonfermat mill-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant (*fol.* 521). | / | LM500 ġew utilizżati bħala spejjeż tal-funeral. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 8 | BOV Fixed Deposit Acc. No. 134 023 3309 0 | F'punt 8, paġna 34 tar-rapport peritali (*fol.*563) il-Perit Legali tgħid li l-atturi ma jsemmu xejn fuq dan l-ammont, imma l-konvenut jinkludihom hu stess fir-rendikont u LM2215 għandhom jitqiesu bħala parti mill-attiv.<br><br>Dan ġie kkonfermat mill-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant (*fol.* 521). Tgħid li nkludiethom sabiex taqdi l-inkarigu tagħha. | / | LM2215 |
| 9 | BOV Fixed Deposit Acc. No. 134 023 3307 4 | F'punt 9, paġna 34 tar-rapport peritali (*fol.*563) il-Perit Legali tgħid li l-atturi ma jsemmu xejn fuq dan l-ammont, imma l-konvenut jinkludihom hu stess fir-rendikont u LM500 għandhom jitqiesu bħala parti mill-attiv.<br><br>Dan ġie kkonfermat mill-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant (*fol.* 521). Tgħid li nkludiethom sabiex taqdi l-inkarigu tagħha. | / | LM500 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 10 | BOV Fixed Deposit Acc. No. 134 023 3308 7 | F'punt 9, paġna 34 tar-rapport peritali (*fol.*563) il-Perit Legali tgħid li l-konvenuti ma jsemmu xejn fuq dan l-ammont, imma l-konvenut jinkludihom hu stess fir-rendikont u LM3552.50 għandhom jitqiesu bħala parti mill-attiv.<br><br>Dan ġie kkonfermat mill-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant (*fol.* 521). Tgħid li nkludiethom sabiex taqdi l-inkarigu tagħha. | / | LM3552.50 |
| 11 | Dipartiment tas-Siġurtà Soċjali | F'punt 11, paġna 35 tar-rapport peritali (*fol.*564) il-Perit Legali tikkonkludi illi dan l-ammont ma għandux jiġi kkunsidrat bħala parti mill-attiv. | Dan l-ammont ma jissemmiex mill-konvenut. LM2967.69 u imgħax relattiv sa mill-1 ta' Jannar tas-sena 1997 għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mill-attiv. | / |
| 12 | HSBC Fixed Deposit Acc. No. 167099300 | F'punt 12, paġna 36 tar-rapport peritali (*fol.*565) il-Perit Legali kkonkludiet illi dan l-ammont ta' LM3726, għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-attiv flimkien mal-imgħaxijiet relativi sa minn Awwissu 1998, stante li teżisti prova li dawn il-flejjes ġew żbankati mill-konvenut. | Dan il-kont ma jissemmiex mill-konvenut. LM3726 u imgħax relattiv sa mis-27 ta' Awwissu tas-sena 1998 għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mill-attiv stante li dan l-ammont ġie żbankat u kont magħluq mingħajr spjega. | / |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13 | BOV A/C 13402333029 | F'punt 13, paġna 37 tar-rapport peritali (*fol.*566) il-Perit Legali kkonkludiet illi dan l-ammont ta' LM5924.55 għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-attiv, flimkien mal-imgħaxijiet relativi sa mill-1 ta' Jannar 1999.<br><br>Dan ġie kkonfermat mill-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant (fol. 521). Tgħid li hi mxiet mal-*income tax returns* u li mill-provi jidher li fl-2009 kien hemm ammont anqas depożitat f'dan il-kont. | Dan il-kont ma jissemmiex mill-konvenut. LM5924.55 u imgħax relattiv sa mill-1 ta' Jannar tas-sena 1999 għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mill-attiv. | Fi stadju ta' appell il-konvenut ressaq dokumenti li juri dan il-kont u parti mill-ammont indikat depożitat. |
| 14 | Id-deheb | Il-Perit Legali f'punt 14 tar-rapport, paġna 41 (*fol.570)* ikkonkludiet illi dak li għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-attiv huwa dak id-deheb li kien fis-*safety deposit box* li nfetħet fil-mori tal-kawża fil-preżenza ta' xi wħud mill-partijiet.<br><br>Il-Perit Legali fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni li saret mill-appellant fl-eskussjoni tagħha mill-appellant (*fol.* 522), tgħid li taqbel mal-appellant li ma saret l-ebda talba fir-rigward tad-deheb. | / | Din il-kaxxa ssir referenza għaliha mill-konvenut. |
| 15 | Il-Vettura EJP-001 (għamla Peugeot) | Il-Perit Legali kkonkluda illi s-somma ta' tnax-il elf Lira Maltin (LM12,000) ma għandiex titqies bħala parti mill-attiv. | L-atturi ttentaw jimpunjaw l-iskrittura ta' donazzjoni, madankollu l-espert kalligrafu kkonferma l- | / |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | firma ta' Giuseppina Galea. | |
| 16 | Immobbli | Ma kienx hemm kontestazzjoni. | / | Il-konvenut ta' elenku tal-proprjetà |
| / | HSBC Fixed Deposit Acc. No. 16 706 9568 | Dan il-kont ma ġiex inkluż mill-Perit Legali. | / | LM 850<br><br>Jidher li kien hemm ċekk ta' LM36.13 maħruġ fid-9 ta' April 2001 li jirrappreżentaw interessi tal-kont in kwistjoni u li kien għadu ma ġiex iddepożitat. Sal-1 ta' Àpril 2003. |
| / | HSBC Fixed Deposit Acc. No. 16 710 7796 | Dan il-kont ma ġiex inkluż mill-Perit Legali | / | LM500 |

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr